ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 33/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 16 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fil-16:45hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 31

33.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 31 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 33.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 32

33.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 32 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 33.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

33.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mir-Reġjun Nofsinhar dwar rotta fil-lokalità bħala parti mill-President's Solidarity Fun Run li ser issir fl-14 ta' Novembru, 2021.

33.4.1.1 Il-Kunsilliera kienu diġà ddiskutew rotta, liema rotta intbagħtet lir-Reġjun Nofsinhar.

33.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu problema bid-DVR tas-CCTVs ta' Pjazza Żernieq.

33.4.2.1 Is-Sindku spjega li l-Inġinier ser ikun qed jara l-pjanti ACAD li tah il-Perit biex ikun jista' jagħtina parir kif l-aħjar li mmexxu.

33.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni fuq is-sistema ta' TM rigward ix-xogħol minn Infrastracture Malta biex issir il-kostruzzjoni tal-bażi għad-dawl taċ-*charging pillar*.

33.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-informazzjoni u qablu li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan ix-xogħol għax ser isir fil-post li kien ġie ssuġġerit mill-Kunsill.

33.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021.

33.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li ser ikunu qed jitkellmu mal-persuna li għenet meta saret l-attività tal-Milied biex naraw jekk jistgħax jgħin.

33.4.4.2 Apparti hekk is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tiċċekkja mad-Dipartiment tas-Saħħa biex tara kif inhuma r-restrizzjonijiet għal tali attività.

33.4.4.3 Il-Kunsilliera qablu li jekk ikun hemm l-għajnuna, u jekk ir-restrizzjonijiet tas-saħħa ikunu jippermettu l-Kunsill għandu japplika biex f'Diċembru 2021 issir l-attività 'Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market'.

33.4.5 F'dan il-ħin is-Sindku talab biex jissospendi l-laqgħa minħabba li kienet ġiet Miss Kirkop li xtaqet tiltaqa' mal-Kunsill. Il-ħin f'dan l-istadju kien il-17:15hrs.

33.4.6 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jerġgħu jidħlu għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien il-17:30hrs.

33.4.7 Il-Sindku talab li f'dan l-istadju jiddiskutu item 33.7 – Manutenzjoni ta' Ġonna u *Soft Areas*, peress li kien ser jiġi l-ġardinar biex ikunu jistgħu jitkellmu miegħu.

33.4.7.1 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex item 33.7 jiġi diskuss f'dan l-istadju, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

33.4.7.2 Il-Kunsilliera ddiskutew ix-xogħol li qed isir bħalissa u x-xogħol li hemm bżonn li jsir aħjar u kienu ser jitkellmu mal-ġardinar biex jaraw il-pass 'il quddiem.

33.4.8 F'dan il-ħin is-Sindku talab biex jissospendi l-laqgħa minħabba li kien ġie l-ġardinar biex jiltaqa' mal-Kunsill. Il-ħin f'dan l-istadju kien il-17:45hrs.

33.4.8.1 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jerġgħu jidħlu għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien il-18:20hrs.

33.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta minn naħa ta' Sport Malta rigward il-parkeġġ tal-Kumpless Sportiv.

33.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *reminder* u tikkopja lill-Ministru.

33.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza rigward kampanja ta' għarfien dwar il-kundizzjoni ADHD.

33.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jixgħel il-faċata oranġjo matul ix-xahar ta' Settembru 2021.

33.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mir-Reġjun Nofsinher rigward rondi ta' sorveljanza imħalls mir-Reġjun rigward rimi ta' skart illegali.

33.4.11.1 Il-Kunsill ingħata rapport tax-xogħol li sar u intalab jinforma lir-Reġjun f'każ li xtaq li tinbidel ir-rotta. Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jara l-bżonn tal-bdil tar-rotta u jiddiskuti mal-Viċi Sindku biex ikun jista' jinforma lir-Reġjun.

33.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ANSEK rigward il-Konferenza tal-UDITE li ser issir fil-15 u s-16 ta' Ottubru, 2021 f'Metz.

33.4.12.1 Is-Sindku qal li l-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv huma mistiedna li jattendu. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli u l-Kunsillier John Luke Cassar huma interessati li jattendu.

33.4.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ANSEK ser tkun qed tkopri parti mill-ispejjeż tagħha.

33.4.12.3 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill lest li jkopri l-bqija tal-ispejjeż għal din il-Konferenza. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

33.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-laqgħa annwali tal-lokalità.

33.4.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u irrikonfermaw li l-laqgħa annwali għas-sena 2020 ma ssirx.

33.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta rigward *bus shelters* fi Triq il-Lewżiet.

33.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien ser jirranġa s-*soft area* fi Triq Valletta k/m Triq San Pietru.

33.4.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-LESA rigward il-fond tal-AKL/LESA.

33.4.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li issir applikazzjoni biex isir refurbishment fi Ġnien Rousset.

33.4.16.2 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jieħu ħsieb din l-applikazzjoni.

33.4.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand LEAP! rigward attività ta' qtugħ taż-żebbuġ li hemm fi Triq San Pietru, quddiem l-uffiċċju tagħhom.

33.4.17.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u kkonfermaw li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u ġie ssuġġeriet li nissuġġerulhom li jaqtgħu ukoll iż-żebbuġ minn Triq San Pietru, quddiem il-Multigas.

33.4.17.2 Il-Kunsilliera qablu wkoll li jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill lest li jagħti l-assistenza tal-ġardinar tal-Kunsill. Jekk ikun hemm qbil il-LEAP! għandhom jagħtu d-dettalji ta' meta ser issir l-attività biex isir riklam fuq il-midja soċjali.

33.4.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand resident fi Triq il-Kbira rigward il-problema ta' *parking*.

33.4.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitolbu lill-contracts manager biex jagħtina parir professjonali dwar *traffic management* u ssir pjanta tajba dwar kif l-aħjar issir.

33.4.18.2 Jidher li kif inhi t-triq l-aħjar mod li ssir hija li ssir *one way* li minn Triq in-Nejder tista' tinżel għal ġo Triq il-Kbira u minn ħdejn il-Knisja tmur għal Triq San Rokku.

33.4.18.3 Ġie deċiż li ssir laqgħa mar-residenti biex jiġi diskuss dan it-traffic management. Għandhom jiġu mistiedna r-residenti ta' Triq il-Kbira, Triq San Rokku, Misraħ San Leonardu u Triq Nejder. Kull deċiżjoni li tittieħed fil-laqgħa hija finali u min mhux ser jattendi jitqies li qed jaqbel mal-maġġoranza.

33.4.19 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:45hrs.

33.4.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand AKL rigward il-ħaddiema tal-RSSL u CWSEF.

33.4.20.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li jħossu sorpriż li jirċievi din il-korrispondenza għax dan huwa każ magħruf ma kulħadd u ħadd ma ħa azzjoni bi *spot checks* minn naħa tal-iskemi.

33.4.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Ispettur tal-Pulizija biex issir laqgħa.

33.4.21.1 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jiltaqa' magħha fit-30 ta' Settembru fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

33.4.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien ra l-pjanta dwar *parking bays* fi Triq San Leonardu. Is-Sindku ser jara fuq il-post kif l-aħjar tiġi dik l-*area*. Apparti hekk hemm bżonn urġenti li jsir *refreshing* tad-*double yellow lines* f'din l-*area*.

33.4.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-bins kienu waslu. Il-Viċi Sindku Joseph Schembri u l-Kunsillier John Luke Cassar ser ikunu qed jaraw fejn dawn ser jitwaħħlu.

33.4.24 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ser imexxi f'isem il-Kunsill bl-applikazzjoni tar-restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu.

33.4.24.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' dan.

33.4.25 Is-Sindku Terence Agius informa l-Kunsilliera li l-polza tal-assikurazzjoni kienet waslet biex tiġġeded. Il-kumpanijia tal-assikurazzjoni kienet ser tiġbor l-istimi meħtieġa biex ikun jista' jsir dan.

33.4.25.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel 'l aktar kwotazzjoni vantaġġjuża u jmexxi bit-tiġdid.

## 33.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

33.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

33.5.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

33.5.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

33.5.4 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar ix-xogħol fuq it-toqob tan-nar tal-art fi Triq San Nikola.

33.5.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien qed jistenna appuntament mingħand il-kuntrattur biex jaraw meta ser jibda x-xogħol.

33.5.4.2 Is-Sindku Terence Agius u l-Kunsillier Cody Galea ser ikunu qed jiltaqgħu mal-kuntrattur fit-23 ta' Settembru, 2021.

## 33.6 Rapport tal-Ilmenti

33.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward *yellow lines* fi Triq il-Karwija. Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jiċċekkja maż-żewġ residenti milquta biex filkaż jitneħħa d-*double yellow line* ta' faċċata u jsir il-metru *double yellow line* mal-koxxa tal-garaxx.

33.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 33.7 Manutenzjoni ta' Ġonna u *Soft Areas*

33.7.1 Dan l-*item* ġie diskuss fil-komunikazzjoni tas-Sindku minuta nru. 33.4.7.

## 33.8 Xogħol fuq il-Grada tal-Kunsill

33.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li x-xogħol tal-ġebel biex tiġi rranġata l-grada tal-Kunsill kien tlesta.

33.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa kienet qed tistenna l-kwotazzjonijiet għall-grada, biss għalkemm kienet talbet diversi kwotazzjonijiet u bagħtet ħafna *reminders* sakemm il-Kunsill daħal għal-laqgħa kellha biss kwotazzjoni waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed tkompli tiġri warajhom.

## 33.9 Xogħol fi Sqaq San Nikola

33.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien tkellem ma' Infrastracture Malta rigward ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Sqaq San Nikola minħabba l-problema kbira li hemm fil-wiċċ tal-isqaq, u dawn minn naħa tagħhom qablu li l-Kunsill isib kuntrattur li jagħmel ix-xogħol u wara li dan jiġi ċċertifikat mill-Perit, il-Kunsill ikun rimborsat.

33.9.2 Is-Sindku kompla jgħid li hu ser ikun qed jiċċekkja mal-kuntratturi biex naraw min jista' jagħmel dan ix-xogħol.

## 33.10 Kampanja Pink October 2021

33.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġie mitlub jieħu sehem fil-kampanja Pink October biex tinħoloq aktar kuxjenza u għarfien dwar il-kanċer tas-sider.

33.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tinxtegħel il-faċċata tal-Kunsill bil-kulur roża u l-istaff jilbes flokkijiet bit-tema ta' Pink October matul ix-xahar ta' Ottubru.

## 33.11 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

33.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għaddej bil-ħidma fir-rigward tas-sejħa għall-offerti dwar il-knis tat-toroq.

33.11.2 Is-Sindku Terence Agius qal li f'dan l-istadju kien hemm bżonn li jinħatar il-bord tal-aġġudikazzjoni għal din is-sejħa.

33.11.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-bord tal-aġġudikazzjoni jkun kompost kif ġej biċ-*Chairman* tal-Bord ser ikun is-Sur Christopher Falzon, is-Segretarju tal-Bord ser tkun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Antonia Demicoli u l-membri ser ikunu is-Sindku Terence Agius, il-Kunsillier John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea.

33.11.4 Għal dan il-għan, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-bord tal-aġġudikazzjoni tat-*tender* għal Knis ta' Toroq ikun kif deċiż f'minuta 33.11.4, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 33.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

33.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 118 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

33.12.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 118 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 33.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

33.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

33.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021 fl-16:00hrs.

33.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:30hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 27 ta' Ottubru, 2021

**Mozzjoni Ref:** 181/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 31.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Settembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 182/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 32.

| **Proponent**<br>Terence Agius | **Sekondant**<br>John Luke Cassar |
|---|---|

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Settembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 183/21/9

**Mozzjoni:**

Biex item 33.7 jiġi diskuss f'dan l-istadju, jiġifieri waqt il-komunikazzjoni mis-Sindku.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Settembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 184/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Settembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 185/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-bord tal-aġġudikazzjoni tat-*tender* għal Knis ta' Toroq ikun kif deċiż f'minuta 33.11.4

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Ritienne Caruana |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Settembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 186/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 118.

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Cody Galea | **Sekondant**<br>Ritienne Caruana |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Settembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**